Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2026/0044(COD)

18.6.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1753 fir-rigward tal-emendi adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025 tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi
(COM(2026)0069 – C10-0030/2026 – 2026/0044(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Dainius Žalimas

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1753 fir-rigward tal-emendi adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025 tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (COM(2026)0069 – C10-0030/2026 – 2026/0044(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2026)0069),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0030/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1] ,	***imħassar***

[1] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw azzjonijiet tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra.	(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi***[1a] (l-"Att ta' Ġinevra")***. Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw azzjonijiet tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra.
_____	_____
	[1a] ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/1754/oj.
[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj)	[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Att ta' Ġinevra jipproteġi d-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi d-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-

indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], li flimkien jissejħu "indikazzjonijiet ġeografiċi" fir-Regolament (UE) 2019/1753. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-korrispondenza bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont is-sistema tal-Unjoni, minn naħa waħda, u r-reġistrazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-Reġistru Internazzjonali skont l-Att ta' Ġinevra (ir-"Reġistru Internazzjonali"), min-naħa l-oħra, tkun tista' tinżamm meta l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont is-sistema tal-Unjoni jiġu modifikati.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fl-14 ta' Lulju 2025, fis-66 Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (***WIPO, World Intellectual Property Organization***), l-Assemblea tal-	(2) Fl-14 ta' Lulju 2025, fis-66 Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (***"WIPO"***), l-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona adottat l-emendi tar-

Unjoni ta’ Liżbona adottat l-emendi tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta’ Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u l-Att ta’ Ġinevra[3] tal-Ftehim ta’ Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (***minn hawn ’il quddiem “ir-Regolamenti*** Komuni”)[4]. Dawk ir-regoli ġodda ***se*** jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2026.

Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta’ Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u l-Att ta’ Ġinevra tal-Ftehim ta’ Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta’ Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (***ir-“Regolamenti*** Komuni”). Dawk ir-regoli ġodda ***għandhom*** jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2026.

---

[3] L-Att ta’ Ġinevra tal-Ftehim ta’ Liżbona dwar Denominazzjonijiet ta’ Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi, (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/1754/oj; Regoli Komuni skont il-Ftehim ta’ Liżbona u l-Att ta’ Ġinevra tal-Ftehim ta’ Liżbona (kif fis-seħħ fl-14 ta’ Lulju, 2023), ELI: https://www.wipo.int/wipolex/en/treaties/textdetails/19813)

[4] Test tal-emenda: LI/A/42/2 ; Rapport ta’ sinteżi tal-laqgħa tal-Assemblea ta’ Liżbona tal-14 ta’ Lulju 2025 inkluża d-deċiżjoni ta’ approvazzjoni tal-emenda A/66/10

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Bħala konsegwenza tal-adozzjoni ***tal-emendi tar-Regolamenti Komuni mill-Assemblea tal-Unjoni*** ta’ ***Liżbona fl-14 ta’ Lulju 2025***, jenħtieġ li ***diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament*** (UE) 2019/1753 ***jiġu emendati sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regolamenti Komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u***	(3) Bħala konsegwenza tal-adozzjoni ta’ ***dawk l-emendi għar-Regolamenti Komuni***, jenħtieġ li ***r-Regolament*** (UE) 2019/1753 ***jiġi emendat*** biex l-Unjoni tkun tista’ ***tissodisfa l-obbligi tagħha*** bħala Parti Kontraenti tal-Att ta’ Ġinevra ***u tagħmel użu mill-għażliet proċedurali l-ġodda previsti skont ir-Regolamenti Komuni***

l-koerenza tar-Regolament (UE) 2019/1753 mar-Regolamenti Komuni aġġornati, u ***għalhekk*** biex l-Unjoni tkun tista' ***tkompli tkun kompletament operattiva*** bħala Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra.	***emendati***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) B'mod partikolari, ***skont ir-Regola*** 15 ***il-ġdida*** tar-Regolamenti Komuni, il-Partijiet Kontraenti se jkunu jistgħu jissottomettu talbiet għad-dħul fir-Reġistru Internazzjonali tat-tipi ġodda ta' modifiki li ġejjin: modifika tal-isem ta' ***denominazzjoni ta' oriġini jew ta'*** indikazzjoni ġeografika rreġistrata ***skont l-Att ta' Ġinevra***, modifika tat-tip ta' oġġett jew ta' ***prodott*** u modifika tad-deskrizzjoni tad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika ***kkonċernata*** kif ***stabbilit*** fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni.	(4) B'mod partikolari, ***f'konformità mar-Regola*** 15 ***emendata*** tar-Regolamenti Komuni, ***flimkien mal-lista eżistenti ta' modifiki possibbli, li tinkludi, fost l-oħrajn, modifiki taż-żona ġeografika u modifiki tal-benefiċjarju,*** il-Partijiet Kontraenti se jkunu jistgħu jissottomettu talbiet għad-dħul fir-Reġistru Internazzjonali tat-tipi ġodda ta' modifiki li ġejjin: modifika tal-isem ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata, modifika tat-tip ta' oġġett jew ta' ***oġġetti*** u modifika tad-deskrizzjoni tad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika***,*** kif ***imsemmi*** fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bħalissa, il-proċeduri ***stabbiliti*** fir-Regolament (UE) 2019/1753 ma	(5) Bħalissa, il-proċeduri ***previsti*** fir-Regolament (UE) 2019/1753 ma

japplikawx għal talbiet għal modifika.

jippreveduX talbiet għal modifika.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu ***ddefiniti*** l-proċeduri ***li jippermettu l-implimentazzjoni mill-Unjoni tat-talbiet relatati***. It-talbiet għal modifika ***magħmula*** mill-Unjoni jenħtieġ li jikkonċernaw ***id-denominazzjonijiet ta' oriġini jew*** l-indikazzjonijiet ġeografiċi ***tagħha stess, id-denominazzjonijiet ta' oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Istati Membri*** li ***tħallew ikunu Membri tal-Att ta' Ġinevra, li għalihom il-Kummissjoni***, ***jew*** l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (***minn hawn 'il quddiem "***l-Uffiċċju")***, huma Awtorità*** Kompetenti.	(6) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu ***stabbiliti*** l-proċeduri ***xierqa biex l-Unjoni tkun tista' tissottometti talbiet għal modifiki lir-Reġistru Internazzjonali kif imsemmi fir-Regola 15 emendata tar-Regolamenti Komuni***. It-talbiet għal modifika ***ppreżentati*** mill-Unjoni jenħtieġ li jikkonċernaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi ***kollha tal-Unjoni u tal-Istati Membri li huma rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali,*** li ***fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni, jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali***, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (l-***"***Uffiċċju") ***jkunu l-Awtorità*** Kompetenti ***skont it-tifsira tal-Att ta' Ġinevra***.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) B'mod partikolari, biex tinżamm il-korrispondenza bejn ir-reġistrazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-Reġistru Internazzjonali skont l-Att ta' Ġinevra u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-

sistema tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi previst mekkaniżmu li jippermetti lill-Kummissjoni jew, kif applikabbli, lill-Uffiċċju jiżguraw il-korrispondenza tar-reġistrazzjonijiet fir-Reġistru Internazzjonali f'każ ta' emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta fis-sistema tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-modifiki taż-żona ġeografika tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata skont l-Att ta' Ġinevra, li kienu diġà inklużi fost il-modifiki permessi skont ir-Regola 15 tar-Regolamenti Komuni qabel l-emenda tiegħu, jenħtieġ li jkunu koperti wkoll minn dan il-mekkaniżmu. B'kuntrast, il-modifiki skont ir-Regola 15 tar-Regolamenti Komuni li ma jaffettwawx l-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika protetta fis-sistema tal-Unjoni, bħal modifiki tal-benefiċjarji, jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dak il-mekkaniżmu, peress li ma jaffettwawx il-korrispondenza bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont is-sistema tal-Unjoni u r-reġistrazzjonijiet skont l-Att ta' Ġinevra.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn żewġ ***tipi*** ta' ***modifiki. Fir-rigward*** ta' ***modifiki tal-isem***, ***tat-tip ta' prodott*** jew ***taż-żona*** ġeografika ta' ***denominazzjoni*** ta' ***oriġini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta jew*** ta' ***indikazzjoni ġeografika,*** protetti ***skont ir-Regolament (UE) 2024/1143*** jew ***ir-Regolament (UE) 2023/2411, peress li dawn l-elementi huma elementi kostitwenti tad-***	(7) Huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn żewġ ***gruppi*** ta' ***emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott*** ta' ***indikazzjoni ġeografika***, ***protetti fis-sistema tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/1143*** jew ***ir-Regolament (UE) 2023/2411, li jistgħu jirriżultaw f'modifika tal-indikazzjoni*** ġeografika ***korrispondenti rreġistrata skont l-Att*** ta' ***Ġinevra. L-ewwel grupp*** ta' ***emendi huwa dak li jirriżulta***

denominazzjonijiet ta' ***oriġini u tal-indikazzjonijiet*** ġeografiċi protetti ***fis-sistema tal-Att*** ta' Ġinevra, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tkun obbligata titlob il-modifika tal-denominazzjoni ta' oriġini jew*** tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali, wara l-approvazzjoni tal-emenda fis-sistema tal-Unjoni.

f'diskrepanza sostantiva bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fis-sistema tal-Att ta' ***Ġinevra u dawk*** protetti ***fis-sistema tal-Unjoni. L-emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott li jikkonċernaw l-isem tal-indikazzjoni ġeografika jew il-klassifikazzjoni tal-prodott li jimplikaw modifika tat-tip ta' oġġett jew oġġetti skont l-Att ta' Ġinevra jenħtieġ li jaqgħu f'dan il-grupp. Sabiex tinżamm il-korrispondenza bejn l-indikazzjonijiet*** ġeografiċi protetti ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-indikazzjonijiet ġeografiċi korrispondenti rreġistrati skont l-Att*** ta' Ġinevra, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***jew, kif applikabbli, l-Uffiċċju jkollhom għalhekk l-obbligu li jitolbu l-modifika*** tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali, wara l-approvazzjoni tal-emenda ***rispettiva fis-sistema tal-Unjoni, sakemm l-Istat Membru ta' oriġini ma jindikax li ma jixtieqx jibqa' jżomm ir-reġistrazzjoni internazzjonali u jitlob il-kanċellazzjoni tagħha. F'każijiet bħal dawn, biex ir-reġistrazzjoni internazzjonali tiġi kkanċellata, jenħtieġ li l-Istat Membru ta' oriġini jissottometti t-talba tiegħu lill-Kummissjoni jew, kif applikabbli, lill-Uffiċċju, sad-data li fiha tkun ġiet approvata l-emenda tal-indikazzjoni ġeografika fis-sistema tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***B'kuntrast ma' dan, id-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi [tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika]***	(8) ***It-tieni grupp ta' emendi huwa dak li mhux neċessarjament jirriżulta f'diskrepanza sostanzjali bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fis-***

huma element fakultattiv tad-denominazzjonijiet ta' ***oriġini*** u ***tal-indikazzjonijiet*** ġeografiċi fis-sistema ***tal-Att ta' Ġinevra***. It-talba għal modifika ta' ***tali elementi tad-denominazzjoni ta' oriġini*** jew ***tal-indikazzjoni*** ġeografika ***rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali*** jenħtieġ li tkun possibbli, fuq ***inizjattiva*** tal-Istat Membru ***tal-oriġini tad-denominazzjoni*** ta' oriġini ***jew*** tal-indikazzjoni ġeografika, u wara l-approvazzjoni tal-emenda fis-sistema tal-Unjoni.

sistema tal-Att ta' Ġinevra u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-sistema tal-Unjoni. L-emendi taż-żona ġeografika jew tal-elementi li jikkonċernaw il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi tal-indikazzjoni ġeografika protetta fis-sistema ***tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak il-grupp***. It-talba għal modifika ***tad-dettalji*** ta' ***indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali wara l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, fir-rigward tal-elementi li jikkonċernaw il-kwalità, ir-reputazzjoni*** jew ***il-karatteristiċi, ta' indikazzjoni*** ġeografika ***protetta fis-sistema tal-Unjoni*** jenħtieġ li tkun possibbli, fuq ***l-inizjattiva*** tal-Istat Membru ta' oriġini tal-indikazzjoni ġeografika ***rilevanti rreġistrata fis-sistema tal-Att ta' Ġinevra***, u wara l-approvazzjoni tal-emenda fis-sistema tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Fid-dawl*** ta' ***dan ta' hawn fuq***, ***huwa meħtieġ*** li jiġu ***stabbiliti l-proċeduri xierqa skont ir-Regolament (UE) 2019/1753 biex dan*** jiġi ***adattat għar-regoli l-ġodda tal-Att*** ta' ***Ġinevra***.	(9) ***Jenħtieġ li l-Unjoni għandha titħalla tirrifjuta l-protezzjoni meta l-Kummissjoni jew, kif applikabbli, l-Uffiċċju, jiġu nnotifikati, skont ir-Regola 15(3) jew 18(3) tar-Regolamenti Komuni, dwar modifiki jew korrezzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali fuq talba*** ta' ***pajjiż terz, li fir-rigward tiegħu l-Partijiet Kontraenti jitħallew jiddikjaraw***, ***f'konformità mar-Regola 15(5) tar-Regolamenti Komuni, li ma jistgħux jiżguraw il-protezzjoni minħabba l-modifika jew wara l-korrezzjoni. Ikun xieraq*** li ***tali modifiki jew korrezzjonijiet*** jiġu ***vvalutati skont il-proċedura diġà***

	eżistenti li għandha tiġi applikata wara n-notifiki, lill-Kummissjoni jew, kif applikabbli, lill-Uffiċċju tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali. Madankollu, sabiex jiġi ***evitat piż eċċessiv u sproporzjonat, jenħtieġ li tali proċedura tkun obbligatorja biss għal modifiki tal-isem u tat-tip*** ta' ***oġġett jew oġġetti relatati ma' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali. Għal korrezzjonijiet jew modifiki tad-dettalji, il-proċedura jenħtieġ li tinbeda biss fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni jew, kif applikabbli, tal-Uffiċċju.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dawn l-emendi huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att ta' Ġinevra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Barra minn hekk, ***fid-dawl tas-simplifikazzjoni*** u ***tal-ekonomija*** tal-proċeduri, l-obbligu għall-Istati Membri li kienu ***parti mill-Ftehim*** ta' Liżbona qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra li	(11) Barra minn hekk, ***għas-simplifikazzjoni*** u ***l-effiċjenza*** tal-proċeduri, ***jenħtieġ li jitħassru*** l-obbligu għall-Istati Membri***,*** li kienu ***Partijiet Kontraenti għall-Ftehim*** ta' Liżbona

jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe notifika li ssir mill-Uffiċċju Internazzjonali skont ***il-Ftehim ta' Liżbona*** u l-obbligu għall-Kummissjoni li tibgħat dawk in-notifiki lill-Istati Membri l-oħrajn kollha ***jenħtieġ li jitħassru***.	***għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom*** qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra**,** li jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe notifika li ssir mill-Uffiċċju Internazzjonali skont ***dak il-Ftehim*** u l-obbligu għall-Kummissjoni li tibgħat dawk in-notifiki lill-Istati Membri l-oħrajn kollha.
	Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-każijiet speċifiċi identifikati ***fl-Artikolu 30 tar-Regolament*** (UE) 2023/2411, tkun tista' tieħu f'idejha mill-Uffiċċju s-setgħa li tiddeċiedi dwar ***ir-reġistrazzjoni***, ***il-modifika*** u ***l-kanċellazzjoni tad-denominazzjonijiet*** ta' ***oriġini u l-indikazzjonijiet*** ġeografiċi tal-Unjoni ***Ewropea*** jew tal-Istati Membri tagħha u dwar il-protezzjoni, ir-rifjut tal-protezzjoni, ***il-modifika u l-invalidazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi*** ta' pajjiż terz. Dan huwa b'mod partikolari minħabba li r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta tista' tmur kontra l-ordni pubbliku, jew tali reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni jistgħu jipperikolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali jew esterni tal-Unjoni.	(12) Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-każijiet speċifiċi identifikati ***fir-Regolament*** (UE) 2023/2411, tkun tista' tieħu f'idejha mill-Uffiċċju s-setgħa li tiddeċiedi dwar ***it-talbiet għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni fir-Reġistru Internazzjonali***, ***il-modifiki*** u ***l-kanċellazzjonijiet tar-reġistrazzjonijiet*** ta' ***indikazzjonijiet*** ġeografiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha u dwar il-protezzjoni, ir-rifjut tal-protezzjoni, ***il-modifiki, il-korrezzjonijiet u l-invalidazzjonijiet tar-reġistrazzjoni internazzjonali*** ta' pajjiż terz. Dan huwa b'mod partikolari minħabba li r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta tista' tmur kontra l-ordni pubbliku, jew tali reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni jistgħu jipperikolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali jew esterni tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Reċentement,*** il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi ġiet riformata bir-Regolament (UE) 2024/1143 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, li jistabbilixxi qafas ***unifikat*** għall-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Unjoni, ***li jsaħħaħ*** il-protezzjoni u r-rikonoxximent ta' prodotti bħall-inbid, ix-xorb spirituż, u l-prodotti agrikoli. Dak ir-Regolament emenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013**,** (UE) 2019/787 u ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Ir-referenzi għar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2019/787 jenħtieġ li għalhekk jiġu ssostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) 2024/1143.	(13) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi ġiet riformata bir-Regolament (UE) 2024/1143, li jistabbilixxi qafas ***uniformi*** għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ***rigward l-inbid, ix-xorb spirituż, u l-prodotti agrikoli*** fl-Unjoni, ***u b'hekk saħħet*** il-protezzjoni u r-rikonoxximent ta' prodotti bħall-inbid, ix-xorb spirituż, u l-prodotti agrikoli. Dak ir-Regolament emenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013***[1a] u*** (UE) 2019/787***[1b] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** u ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c]***. Ir-referenzi għar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2019/787 jenħtieġ li**,** għalhekk**,** jiġu ssostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) 2024/1143.
_____	_____
[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 23.04.2024, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).	
	[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru

1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

[1b] Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/787/oj).

[1c] Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj).

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Sabiex id-detenturi tad-drittijiet fl-Unjoni jitħallew jibbenefikaw malajr kemm jista' jkun mid-dritt li jitolbu modifiki tar-reġistrazzjonijiet skont l-Att ta' Ġinevra, kif ukoll biex l-Unjoni tkun tista' tirrifjuta malajr kemm jista' jkun il-protezzjoni skont l-Att ta' Ġinevra wara modifika minn Parti Kontraenti oħra għall-Att ta' Ġinevra, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
id-denominazzjonijiet ***ta' oriġini skont it-tifsira tal-Att ta' Ġinevra, inklużi d-denominazzjonijiet*** ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid***, għax-xorb spirituż*** u għall-prodotti agrikoli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*; u	***(a)*** id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi ***skont it-tifsira tal-Att ta' Ġinevra;***
	(b) id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għall-inbid u għall-prodotti agrikoli***, kif ukoll l-indikazzjonijiet ġeografiċi għax-xorb spirituż,*** skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*; u

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2023/2411.	***(c)*** l-indikazzjonijiet ġeografiċi ***protetti*** għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2023/2411 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].***
	_____

[1a] Ir-Regolament (UE) 2023/2411 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 1 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet ta' oriġini relatati ma' prodotti artiġjanali u industrijali li huma s-suġġett ta' reġistrazzjoni internazzjonali, il-protezzjoni fl-Unjoni għandha tinftiehem kif speċifikat fl-Artikoli 6 u 40 tar-Regolament (UE) 2023/2411."

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***jiżdied*** l-Artikolu 2a li ġej:	(2) ***jiddaħħal*** l-Artikolu 2a li ġej:

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Modifiki tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fir-Reġistru Internazzjonali	Modifiki ***tar-reġistrazzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri*** tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fir-Reġistru Internazzjonali

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara ***l-adozzjoni***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta' emenda ***tal-isem, tal-klassifikazzjoni*** tal-prodott jew ***taż-żona ġeografika ta' denominazzjonijiet*** ta' ***oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew indikazzjonijiet*** ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew mar-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, għandhom jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki tal-isem***,*** tat-tip ta' ***prodott*** jew ***taż-żona ġeografika*** ta'***:***	1. Wara ***l-approvazzjoni***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta' emenda ***tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott rigward l-isem jew il-klassifikazzjoni*** tal-prodott jew ***li timplika modifika tat-tip*** ta' ***oġġett jew oġġetti skont l-Att ta' Ġinevra tal-indikazzjonijiet*** ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew mar-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, għandhom jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki tal-isem ***jew*** tat-tip ta' ***oġġett*** jew ***oġġetti*** ta'

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***id-denominazzjoni ta' oriġini jew*** l-indikazzjoni ġeografika korrispondenti ***li tkun ġiet irreġistrata*** fir-Reġistru Internazzjonali ***fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Uffiċċju;***	l-indikazzjoni ġeografika korrispondenti fir-Reġistru Internazzjonali**.**

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-denominazzjoni ta' oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika korrispondenti li tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali fuq talba ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni jew, kif applikabbli, l-Uffiċċju għandhom ikunu eżentati mill-

obbligu li jitolbu modifika f'konformità mal-paragrafu 1 f'każ li l-Istat Membru tal-oriġini tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata, sad-data li fiha l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika tkun ġiet approvata fis-sistema tal-Unjoni, jitlob lill-Kummissjoni jew, kif applikabbli, lill-Uffiċċju jikkanċellaw ir-reġistrazzjoni korrispondenti fir-Reġistru Internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b).

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba ta' Stat Membru, wara ***l-adozzjoni***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta' emenda ***ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti*** jew ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew ir-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, jistgħu jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki tad-dettalji, ***tar-reputazzjoni*** jew ***tal-karatteristiċi***, kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni, ***tad-denominazzjoni ta' oriġini jew*** tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali u msemmija fil-paragrafu 1***, il-punti a) u b).***";	2. Fuq talba ta' Stat Membru, wara ***l-approvazzjoni***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta' emenda ***tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott rigward iż-żona ġeografika jew l-elementi li jikkonċernaw il-kwalità, ir-reputazzjoni*** jew ***il-karatteristiċi*** ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew ir-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, jistgħu jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki ***taż-żona ġeografika jew*** tad-dettalji ***rigward il-kwalità***, ***ir-reputazzjoni*** jew ***il-karatteristiċi***, kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni, tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali u msemmija fil-paragrafu 1";***"***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***jiżdied*** l-Artikolu 7a li ġej:	(4) ***jiddaħħal*** l-Artikolu 7a li ġej:

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Modifiki ***ta' indikazzjonijiet ġeografiċi*** ta' pajjiżi terzi ***rreġistrati*** fir-Reġistru Internazzjonali	Modifiki ***u korrezzjonijiet fir-rigward ta' reġistrazzjonijiet*** ta' pajjiżi terzi ***tal-indikazzjonijiet ġeografiċi*** fir-Reġistru Internazzjonali

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Artikoli 4 sa 7 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għal modifika tal-isem jew għal modifika tat-tip ta' ***prodott*** jew ***għal modifika taż-żona ġeografika tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew tal-indikazzjonijiet*** ġeografiċi	1. L-Artikoli 4 sa 7 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal modifika tal-isem jew għal modifika tat-tip ta' ***oġġett*** jew ***oġġetti rigward l-indikazzjonijiet*** ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali li fir-rigward tagħha l-Parti

rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali li fir-rigward tagħha l-Parti Kontraenti tal-Oriġini ma hijiex Stat Membru, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (xv) tal-Att ta' Ġinevra, li tkun innotifikata lill-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, lill-Uffiċċju, skont ir-Regola 15(3) tar-Regolamenti Komuni.*;*	Kontraenti tal-Oriġini ma hijiex Stat Membru, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (xv)*,* tal-Att ta' Ġinevra, li tkun innotifikata lill-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, lill-Uffiċċju, skont ir-Regola 15(3) tar-Regolamenti Komuni.
	Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja tagħhom, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju jistgħu japplikaw il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 4 sa 7, mutatis mutandis, b'referenza għal modifika tad-dettalji tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fil-paragrafu 1, jew għal korrezzjoni fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali li fir-rigward tagħha l-Parti Kontraenti tal-Oriġini, kif definit fil-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, mhijiex Stat Membru, li tkun innotifikata lill-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, lill-Uffiċċju, skont ir-Regola 18(3) tar-Regolamenti Komuni".
	Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2019/1753
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 7 u 7a għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn tal-Unjoni li huma relatati mal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti u, b'mod partikolari, mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, standards sanitarji u fitosanitarji, u t-tikkettar tal-ikel.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***jiżdied*** l-Artikolu 12a li ġej:	(7) ***jiddaħħal*** l-Artikolu 12a li ġej:

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-għoxrin jum*** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fil-jum*** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Or. en